**Mara li tant ħabbejt**

Qed nilmħek bla ħajja
Quddiemi filgħodu,
Qalbi tant minfuda
Saqajja jirtgħodu.

Kif proprju int tlaqtna?
Mortilna 'l bogħod?
Kif issa se nkellmek?
Almenu oħt bil-mod?

Il-għejja ħaditek
F'art isbaħ u aħjar,
Lil hinn mit-tbatija
Minn niket, mill-imrar.

Moħħi mar fl-imgħoddi
Niftakarni student,
Niftakrek titħabat
Tgħinna lkoll fil-mument.

Dejjem kont għalina
B'qalb kbira issemmix,
Il-ħin kollu taħdem
Waqt wieħed ma taħlix.

U tara kif tagħmel
Biex taqdi lil kulħadd,
Tistinka ħa tlaħħaq
U ma tnaffar lil ħadd.

Ma' żewġek w l-ħaddiema
Taqdi lil kull klijent,
dejjem tara x'tagħmel
biex taqdih issa, dmentt.

Tbissimtek sabiħa
Imżejna b'umiltà,
Li ħierġa minn qalbek
Mimlija karità.

Tassew għaddew is-snin
Imma jien qatt ma nsejt,
Ġid kbir int għamiltli
Mara li tant ħabbejt.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 t’April 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.